# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LI**
**Illum l-Erbgha, 23 ta' Mejju, 2001**

**Appell Nru 76/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eusebio Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Eusebio Busuttil talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Frar, 1997 u matul il-gimghat qabel din id-data (**1**) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**2**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu eskluzziv tieghu; (**3**) talli sar recidiv b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Marzu, 1993 u 14 ta' Lulju, 1995, u zewg sentenzi ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar, 1990 u fis-26 ta' April, 1993;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' April, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Eusebio Busuttil hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu; dik il-qorti kkundannatu hames snin prigunerija (minn liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa kien dam mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz); ikkundanntu wkoll multa ta' tlett elef lira (Lm3,000); kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas ta' l-ispejjez tad-dokument MM1(b) wara li dan jingieb [recte: dawn l-ispejjez jingiebu] a konjizzjoni tal-qorti; dik il-qorti awtorizzat lill-hati li jirtira l-flus (Dok. K2) mir-registru, ordnat id-distruzzjoni tad-droga kollha ezibita u l-oggetti relatati a karigu ta' l-ispizjar Mario Mifsud li gie nominat ghal dana l-iskop, u in fine ordnat li kopja tal-ittra ta' Dott. Moses Camilleri (Dok 2 tal-*pre-sentencing report*) tintbghat lid-Direttur tal-Habs sabiex dan jiehu l-mizuri opportuni fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-imsemmi tabib;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Eusebio Busuttil, minnu ppresentat fid-19 ta' April, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li l-piena inflitta kienet eccessiva. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-ligi li jirrigwardaw il-piena applikabbli ghal dana l-kaz (cioe` l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 kif emendat bl-Att XVI ta' l-1996, liema Att gie fis-sehh fil-5 ta' Lulju, 1996, cioe` zmien sew qabel id-data ta' l-imputazzjonijiet) biex tara jekk il-piena kienitx fil-parametri tal-ligi. Wara li din il-Qorti qieset kollox, inkluza l-fedina penali ta' l-appellant u r-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Maryanne Zammit, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghal dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda l-ittra ta' Dott. Moses Camilleri, sabiex l-istess registratur jiehu hsieb li jikkonforma ruhu ma' dak ordnat f'dik is-sentenza li qed tigi konfermata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur